~~Nixtiequ li l-qarrejja tagħna jitolbu għal Kustôdju l-ġdîd, biex Alla jagħtîh il-għajnûna wisq meħtieġa, l-aktar f'dawn iż-żmenijiet imwegħra, ħalli jaħdem sewwa x-xogħol tqîl u ta' reqqa, li l-knisja Kattolka tagħtu f'idejh biex iwettaq.~~

~~ID-DIREZZJONI.~~

# DAWRA MAL-ART IMQADDSA

(*Jorbot mal-Għadd* 3)

*Abu-Zenima.* Tlaqna minn Elim u qbadna t-triq ma' tul il-wied, li tieħu lejn il-baħar. F'xi l-ħdax u nofs nilmħu fuq ix-xefaq strixxa ikħal qawwi u oħra taħtha safranija, lewn id-deheb. Kien il-Baħar l-Aħmar, f'Golf is-Swejz.

Il-karozzi mxew 'il quddiem, u fl-aħħar sibna ruħna f'ramla bla qjies, sa fejn iwasslu l-għajnejn. Hemm kien Abu-Zenima, daqsxejn ta' lukanda, għal mistrieħ ta' min jgħaddi lejn Sinaj: dwejra mibnija apposta mill-Gvern Eġizzjan biex meta s-Sultan, sa kemm kien għadu hemm, kien jinzel f'Sinaj, ikollu fejn jieqaf jistrieħ mis-sħana u l-għejja tal-vjaġġ. Aħna waqafna hawn biex nieklu biċċa ħobż malajr-malajr u ngħumu għuma fil-Baħar l-Aħmar. U kien ta' min! Dak il-baħar, nadif u ċar daqs il-kristall; ikħal fix-xefaq, u dehbi fix-xtut, imħabba l-ħmura tar-ramel, kollu ħadid. U mbagħad, xi ngħidu għal kotra bla tarf ta' qroll u bebbux tal-baħar! Dejjem kelli namra tal-qroll, jew kif jgħidulu wkoll, frott tal-baħar, u xtaqt kieku ġarrejt xi erbgħa sbieħ milli kien hemm; iżda ma stajtx, għax wisa' ma kellix, u kien għad fadlilna ħafna x'niġru. U kelli fuq il-qalb nibqa' bix-xewqa bla temma, għad li xi laqxa ġbart.

Wara li kilna ikla tal-"camping" — taħsbux li kellna xi pranzu — xrobna xarba ilma sewwa, u streħajna siegħa b'kollox, u erġajna sibna ruħna fil-karozzi biex nitilqu lejn Sinaj. Meta sa naslu? "Għad fadal," qalulna x-xufiera. Fl-aħħar tlaqna u għaddejna minn ġo nofs ġemgħa għerejjex, jew djar tat-tajn għal ħaddiema Eġizzjani tal-minieri tal-manganiż, u x-xufiera dawru l-karozzi għal ġol-wied, fil-qalba ta' Sinaj.

*Wadi Faran.* S'issa dejjem konna miexja (u tista tgħid, għal kemm ma konniex narawh, f'linja waħda mal-Baħar l-Aħmar), fil-Golf tas-Swejz. Minn issa 'l quddiem, sa nħallu l-Baħar warajna u nidħlu fil-qalba tad-deżert ta' Sinaj.

Għaddiet xi nofs siegħa u lwejna lejn ix-xellug u sibna ruħna fil-bidu ta' wied kollu ġebel, ħoṭob u għolliq niexef. Il-karozzi waqfu u nġabru fl-imkien, u x-xufier ta' fuqhom taħom l-aħħar ordnijiet u s-sinjal ta' bejniethom. Minn hawn 'il quddiem ikollhom isuqu, tista tgħid, bl-amment għax la hemm toroq, la mogħdija, u la xejn ħlief xi erba' blatiet kbar, li minnhom is-sewwieqa jistgħu jaraw fejn qegħdin. Ix-xufiera m'hux l-ewwel darba li kienu għamlu dik it-triq, għal hekk kienu drawha u kienu jafuha. B'xorti tajba għalina, kien għad hemm xi sinjali mbajda fuq il-blat u l-ġebel, li kienu għamluhom it-tekniċi li ftit qabel kienu għadhom kemm ħadmu l-film: "The Ten Commandments", li żgur kull ħadd għadu jiftakar fih. Mela, għalina! Sħana u m'hux, sa nżul ix-xemx kellna nkunu fil-Monasteru ta' santa Katerina.

Il-wied li qbadna kien jismu Wadi

Faran, li jiġbor fih l-ilma kollu li jinżel mill-iġbla ta' Sarabat, f'nofs Sinaj. F'dal-wied daħlu wkoll Ulied Israel wara li telqu minn Elim: "Irħewlha mbagħad minn Elim u waslet il-ġemgħa kollha ta' Wlied Israel fix-xagħri ta' Sin, bejn Elim u bejn Sinaj, fil-jum ħmistax tat-tieni xahar wara ħruġhom minn art l-Eġittu" (Esodu, XV, 1).

Il-Lhud damu xahar u nofs sa ma waslu hawn, u aħna domna tmien siegħat! Ngħid is-sewwa, dal-post ħassejtu jbeżżagħni bil-waħx u l-kobor u l-qilla tiegħu. Min qatt għadda mill-qiegħ ta' Wied il-Għasel, jew minn taħt l-irdumijiet ta' Wied Qirda, jew Binġemma, jista jsawwar xi ħjiel u jġib xi ħaġa f'moħħu ta' Wadi Faran: bla siġar, bla ilma; iserrep bejn iġbla għolja ta' kull lewn; ilwien ta' kull xorta, mħabba l-ħadid u l-minerali oħra li jinsabu f'dan il-blat; fejn hu kaħlani, fejn hu iswed faħam; naħiet oħra roża, jew isfar. Blat ħiereġ mill-ġnub, tistħajjlu nieżel fuqek. Kulltant issib ruħek magħluq bejn dawn l-iġbla bla ma tara mogħdija għal barra. Skiet. Nies ħadd. Kollox baħħ!

Kien hemm ġebla ftit u xejn ogħla mill-oħrajn u daqsxejn waħda maħruġa 'l barra. Din il-ġebla fakkritni fil-għakkux li nqalagħlu 'l Mose hawnekk. F'dawn in-naħiet Mose ħarġilhom l-ilma mill-blat (Esodu, XVII, 7), niżżlilhom il-manna mis-sema, u kellhom jitqabdu mal-Għamelekin (Esodu XVII, 8-16). Il-postijiet sewwa ma nistgħux ngħiduhom, imma żgur li f'dawn l-inħawi.

Kif waslu hawn bdew igergru għax ma sabux x'jieklu: "U gemgmet il-ġemgħa ta' Wlied Israel għal Mose u għal Arun, fix-xagħri, u qalulhom Ulied Israel: 'M'hux li mitna b'id il-Mulej fl-art tal-Eġittu, meta konna qegħdin ħdejn il-borom tal-laħam, u nieklu ħobż bix-xaba' " (Esodu, XVI, 2-4). U Alla l-Imbierek, flok qeridhom kif kien jixirqilhom, bagħtilhom il-manna, u temagħhom erbgħin sena sħaħ. Imxew 'il quddiem u ġew f'Rafidim fejn ma sabux ilma. Bdew igergru: "U ħadha l-poplu ma' Mose, u qalu: 'Tina l-ilma x'nixorbu . . . . Għala ħriġtna mill-Eġittu? Biex toqtolna, lilna u lill-uliedna, lill-imrieħel tagħna bil-għatx?' " (Esodu XVII, 4). U Alla raġa' ha sabar bihom u qabbad lil Mose jagħti b'ħatar fuq blata biex ħareġ l-ilma.

Dan ma kienx biż-żejjed. Mill-iġbla ta' Rafidim niżlu l-Għamelekin biex jeħduha magħhom talli daħlu f'artijiethom. Bil-għajnuna t'Alla l-Lhud kellhom rebħa, taħt it-tmexxija ta' Ġożwe: "Harrab Ġożwe lill-Għamalek u lil niesu b'xifer is-sejf". Alla qabbad lil Mose jikteb dawn il-ġrajja b'tifkira għal quddiem. Mose bena altar u qiem u iżża ħajr 'l Alla għal dik ir-rebħa kbira.

Dan kollu beda għaddej minn moħħi waqt li konna għaddejjin minn dan il-wied li jwaħħax, fejn mad-dwar ma jidhrux ħlief blat u għolliq, u gremxul u sriep. U bqajna għaddejjin 'il quddiem; ix-xufiera kull tant jieqfu jberrdu l-makni; jiftħu r-radju, u jerġgħu jitilqu, isuqu ġol-ġebel u l-blat. Tassew kienu karozzi tal-kedd!

Fl-aħħar, wara xi siegħa u nofs sewqan, bdew ifiġġu xi siġar tal-palm u xi qasab. Konna resqin lejn l-*oasi* ta' Faran, il-ġawhra ta' Sinaj, imħabba l-ħdura tagħha. Tfakkrek fl-Eden, mitluf fin-nixfa tad-deżert. F'daqqa waħda, kif ilwejna għal-lemin, nisimgħu għajjat ta': "Halawan! Baqxix!" Kienu ġemgħa ta' tfal Għarab li joqogħdu f'dak il-wied, lebsin im-

ċerċra maħmuġa u mqanfda; wiċċhom jixdilhom il-faqar li jorqod u jqum magħhom.



*Oasi fid-desert — Dehra ta' siġar ħodor, li sserraħ u taħji l-għajnejn u l-qalb.*

Imxejna aktar 'il quddiem. Ilħdura żdiedet u feġġew quddiemna xi djar żgħar tan-nies ta' hemm. Waqafna quddiem dar minnhom, u f'kemm ili ngħid, kemm kien hemm tfal — m'hux ħafna taf, imma għadd sewwa daru magħna kollha, inewwlu jdejhom għal xi "baqxix".

Dħalna f'naqra ta' ġnien fejn sibna familja ta' dawn ulied id-deżert. Ġie wieħed xwejjaħ u miegħu Patri Grieg b'daqna daqsiex. Dan il-wadi dari kien ċentru kbir tal-Eremiti, sa kemm is-Saraċini ħarbtuhom għal kollox, u dawk li kienu baqgħu ħajja, jew li ġew warajhom, marru joqogħdu fil-Monasteru ta' Ġebel Musa fil-muntanja Sinaj; hawn, f'din il-ġenna tal-art, xrobna xarba ilma frisk, tawna ftit kafe, u għall-ewwel darba tħallatna man-nies ta' hawn. Jidhru ftit u xejn imgerrxa; it-tfal għajnejhom ileqqu, u jixhdu fihom qlubija u tkissir fix-xogħol u l-ħajja jiebsa tad-deżert. Il-bniet jidhru aktar imqita; bil-ħoloq f'riġlejhom u xagħarhom midfur sewwa; wiċċhom ismar bix-xemx imma hieni bi tbissima li tixhed is-sliem ta' qalbhom bi nkejja tat-tbatija li jinsabu fiha. In-nisa ma jidhrux fejn ikun hemm ġemgħa ta' rġiel; meta konna ġewwa, ir-raġel tal-post kien li newwlilna kollox. In-nisa ta' hemm joħorġu bi star iswed jgħattilhom wiċċhom tista' tgħid għal kollox, barra minn għajnejhom. Tistagħġeb kif joqogħdu b'dak l-iswed fuqhom f'dik is-sħana tixwi.

*Sinaj*! Wara li dorna dawra malinħawi mimlija dwieli u siġar ħodor u sbieħ taż-żebbuġ, palm u frott — issa x-xemx bdiet tinħeba wara l-iġbla u hekk is-sħana bdiet tonqos u l-makni birdu u x-xufiera pejpu sigarrett — irkibna l-karozzi u tlaqna fost il-għajjat tat-tfal. Kien fadlilna l-aħħar biċċa tat-triq lejn Sinaj. Xi ftit 'il bogħod irġajna waqafna biex naraw daqsxejn ta' siġra li tagħmel frott jixbaħ ħafna lil manna kif insibuha mfissra fl-Iskrittura. Mill-ġdid għal karozzi u tlaqna. Inżul ix-xemx kien qiegħed joqrob u l-iġbla u l-widjien bdew ibiddlu lwienhom minn waqt għall-ieħor. Is-sema ħa lewn ikħal skur, u l-blat aħmar dagħmi. L-irdum tal-widjien u l-għoli tal-iġbla, mitlufa fi skiet ta' dinja oħra, idaħħluk f'qoxortok u jġibuk daqs naqra. Mogħdijiet xejn. Sewqan tista' tgħid bl-amment, li ma kienux is-sinjali 'l hemm u 'l hawn li ħallew warajhom it-tek-

niċi ta' Hollywood. Ix-xufiera, imma għandhom is-sens tad-deżert, u bdew isuqu daqs kieku kienu l-Kajr; la jħabblu rashom bil-molol, l-anqas bit-tyres tar-roti.

Domna f'dil-biċċa tat-triq qisna xi siegħa, sa kemm sibna ruħna bejn żewġ qċaċet għolja ta' iġbla, qishom kanpnari, fi truf il-wied, u l-ħruġ f'wesgħa kbira, mdawwra b'għoljiet kbar. Kif sibna ruħna fil-beraħ, feġġet ix-xemx li kienet nieżla wara l-għoljiet sewdiena, fuq sfond aħmar dagħmi. F'nofs din il-wesgħa lmaħna ġemgħa għarajjex suwed tal-Bedwin, jiġbru l-għolliq, kollu xewk, biex jgħalluh u jixorbu l-ilma tiegħu!

Ix-xufiera kisru max-xellug, u quddiemna dehru tliet Patrijiet Griegi Ortodossi, b'leħja daqsiex, warajhom deher il-Monasteru ta' Santa Katarina. Kienu l-5 u nofs ta' wara nofs inhar; wara tnax-il siegħa sewqan fost ir-ramel, widjien u iġbla, fl-aħħar sibna ruħna ħdejn il-Monasteru, wieqaf, qisu fortizza, f'ras il-wied, ħaddar qisu ġnien. Konna għamilna safra ta' 400 (erba' mitt) mil. Ngħid is-sewwa, kienet impressjoni li baqgħet imwaħħla f'moħħi



*Sinaj — L-ewwel dehra tad-Deir ta' santa Katarina, imgħasses minn Ġebel Musa warajh, u mwennes mis-siġar sbieħ tal-ġnien ta' ma ġenbu.*

ma' dwarhom merħla mogħoż, suwed ukoll, b'xi nagħaġ magħhom, u tlieta jew erbgħat iġmla. Titħassarhom lil dawn in-nies, tarahom jiġġerrew fid-deżert, minn hawn għal hemm, ifittxu xi jlaqqtu, għaliehom infushom u għal imrieħel tagħhom, li huma l-għana kollu li għandhom f'din l-art. Fil-għodu trid tarahom sal-lum. Dik il-mixja, li ġemel jieħu tmint ijiem biex jagħmilha, aħna għamilnieha f'jum wieħed biss. Kif wasalna, laqgħuna l-Patrijiet, daħħluna ġewwa, u wrewna fejn konna sa noqogħdu, u tallajna kollox fuq. Wara kull ħadd sab postu, min mar jieħu doċċa, min mar jistrieħ fuq is-setaħ sa kemm sar il-ħin għall-ikel.

Il-kok li kellna magħna kien jaf isajjar tajjeb, u llestielna ikla tal-ħbieb. Wara l-ikel morna norqdu, għax fil-għodu kien hemm lesta għalina għadma jiebsa oħra: nbakkru u nerħulha biex nitilgħu Ġebel Musa, għoli 7,460 pied!

DUN KARM SANT.

(*Baqa' għal ħarġa oħra.*)

# DISA' XHUR FIS-SALT U L-INSARA TAT-TRANSGORDANJA

Meta jiena kont it-Transġordânja, is-Salt kienet l-akbar belt ta' dik l-art. Kien fiha nies, kif kont nismagħhom jgħîdu, xi mitejn u għoxrîn elf rûħ, il-kotra tagħhom Misilmîn; Insâra kien hemm: xi ħâġa fuq elf Griegi Ortodossi; xi tmen mija Latîni, u Griegi Kattolki ma' dwar erba' mija. Kien hemm ukoll xi Protestanti, imma ma jidhirx li kien hemm wisq. In-nies tas-Salt kienu kollha Għarab, barra minn qassîs Taljân, Dun Giuseppe Longo (li ġie s-Salt ftît żmien warajja), u jien, minn Malta, li sa dak iż-żmien, naħseb, kont l-ewwel Malti li qatt rifes dik l-art.

Is-Salt mibnija bejn tliet iġbla, fuq id-djûl tagħhom u ġewwa ż-żewġ widjien ta' bejniethom. Il-ġebel, jew *muntanja*, li jiġi n-naħa tax-Xmiel (nord) jgħidulu Ġebel il-Qalgħa, għax fuqu kien hemm mibnija qalgħa, jew belt żgħîra tas-suldati, il-lûm imġarrfa; dâk tan-naħa tax-Xerq (tlûgħ ix-xemx) jgħîdulu s-Salâlem; u l-ieħor,, in-naħa tal-Qibla (nofs inhar) jgħîdulu n-Nebi Ġadôr. In-naħa tal-Għarb hemm *muntanja* wkoll, jgħîdulha Ġebel Għûxa, għolja tlett elef u sitt mitt (3,600) xiber Ingliż, imma ftit bgħîda, u qabel ma tilħaq telgħatha, trîd tgħaddi wied minn tûlu, jgħîdulu Wâdi l-Qrâd. Ix-xemx, sa fis-sajf, fil-għodu, tfiġġ minn wara s-Salâlem għal xi t-tmienja, u ftît wara l-erbgħa, tinżel wara Ġebel Għûxa, 'il hemm minn Wâdi l-Qrâd. Meta tagħmel ix-xita, l-ilma jċarċar mal-ġnûb tal-iġbla, minn bejn id-djâr għal ġewwa l-misraħ li jgħidulu s-Sûq (għax ġewwa fih n-nies tas-Salt fil-għodu jarmaw ibiegħu) u mat-toroq il-kbâr tal-belt jiġri l-wied. Toroq, li jistgħu jissemmew toroq kien hemm tlieta: tnejn jibdew mill-misraħ u jibqgħu sejrîn jingħaqdu mat-trîq tal-karozzi li tieħu



*Dehra ta' biċċa mis-Salt, in-naħa li jgħidulha n-Nebi Ġadôr. Id-dar weħedha ta' fuq ras il-ġebel hija ta' raġel Nisrâni, kattolku, jismu Musa Nassâr.*